# Pittura ta' Sant'Elena Imperatriċi Awgusta fil-Belt Valletta

Pittura oħra tal-qaddisa patruna tagħna, insibuha fl-Oratorju tal-Konfraternità tal-Madonna tal-Karità, binja annessa mal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta.

Fl-imgħoddi, l-artali fil-knejjes Maltin, kienu jkunu abbinati ma' fratellanzi partikolari, fejn ħafna drabi, kienu jkunu abbinati wkoll ma' sengħa partikolari li b'xi mod ikollha rabta mal-qaddis li għalih ikun iddedikat l-artal. Hekk ġara wkoll f'dan il-każ. Fil-Belt Valletta ta' żmien il-Kavallieri, din il-belt il-ġdida kienet diġà mimlija bin-nies tas-snajja li attiraw l-istess Kavallieri. Fost dawn kien hemm l-orefiċi jew aħjar il-bejjiegħa tad-deheb u l-arġentiera. Peress li kienu għażlu lil Sant'Elena bħala l-patruna tagħhom, dawn kellhom din il-kappella fil-knisja ta' San Pawl. Aktarx li t-twaqqif ta' din il-Fratellanza jmur lura viċin is-sena 1610.

Fost oġġetti li ngħatat din il-Fratellanza, insibu lampier tal-fidda li juri xeni mill-ħajja tal-qaddisa, sett karti glorja tal-fidda flimkien ma' sett vażetti tal-alabastru. Kien hemm ukoll kwadru tal-qaddisa, li aktar tard, fl-1782, inbidel ma' dak li nsibu llum. Dan sar minn Ermengildus Grech, Kappillan Konventwali tal-Ordni Ospedaljieri ta' San Ġwann. Hawn tidher il-Qaddisa Elena, għarkubtejha b'idejha merfugħa lejn is-Salib. Interessati ferm li madwar il-figura ċentrali ta' Elena wieħed jista' jilmaħ ukoll lil San Ġwann Battista, Patrun tal-Ordni, San Publiju, Patrun ta' Malta, flimkien ma' San Karlu u Sant'Eliġju.

Maż-żmien, din il-Fratellanza ma baqgħetx attiva b'mod speċjali wara t-tluq tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann minn pajjiżna fl-1798. Għaldaqstant, meta l-ammont ta' fratelli beda jnaqqas, il-Konfraternità tal-Madonna tal-Karità kienet bdiet tieħu ħsieb tal-artal u l-festa ta' Sant'Elena. Dan ġara sal-1903, fejn, waqt konsulta tal-Fratellanza ta' Sant'Elena, sar il-kuntratt ta' ċessjoni u trasferiment tal-kappella u l-artal ta' Sant'Elena lill-Konfraternità tal-Madonna tal-Karità. B'hekk il-Fratellanza ta' Sant'Elena fil-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta xoljiet definittivament.


*Lucy*

**Main Street, Birkirkara**

Shoes, underwear, shirts & T-Shirts for men, women and children.
A good selection of baby wear, bed spreads, curtains,
carpets and handbags.



*Pittura ta' Sant'Elena fl-Oratorju tal-Konfraternità tal-Madonna tal-Karità, binja annessa mal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta.*



*Lampier tal-fidda li juri xeni mill-ħajja tal-qaddisa.*